MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2005

Avviz Numru. 452/2000/1

**Falzon Trading Co. Ltd
u b'digriet tas-7 ta' Novembru, 2001 il-Qorti awtorizzat it-trasfuzjoni tal-gudizzju f'isem is-socjeta' "Vella Falzon Building Supplies Limited"**

**Vs**

**Associated Consortium Co.Ltd.**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' April, 2000 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma hekk likwidata mill-Qorti rapprezentanti danni kkagunati mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici minhabba li x-xoghol sub-appaltat lilha fil-kcina tal-Big Blue Restaurant f'Tigne, Sliema ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Bl-ispejjez, kontra s-socjeta' konvenuta.

Ai fini tal-kompetenza l-attur iddikjara illi s-somma mitluba ma teccedix l-elf lira Maltin (Lm1,000).

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

1. illi t-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt billi x-xoghol li sar da parti tas-socjeta' konvenuta sar skond is-sengha u l-arti kif sejjer jigi ppruvat fil-mori tal-kawza.
2. Illi, in ogni caso, d-danni allegati jridu jigu ppruvati mis-socjeta' attrici.
3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-su ecepit, jekk jirrizulta li huwa minnu li s-socjeta' soffrew xi danni kif allegati minnhom, dan mhuwiex attribwibbli ghal xoghol hazin da parti tas-socejta' konvenuta izda ghal xoghol hazin ta' terzi.
4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi skond il-ligi.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fl-1999, is-socjeta' attrici giet sub-kuntrattata mis-socjeta' Property Maintenance, parti minn Vassallo Group, ghal xoghol illi kien qieghed isir fil-Crowne Plaza Hotel, Tigne, Sliema.

Ix-xogholijiet kienu estensivi, u kienu jinkludu xoghol ta' *finishing*, zebgha, tqeghid ta' madum u xoghol iehor bhala *plastering, plumbing etc*. Kien hemm xoghol partikolari fil-Big Blue Restaurant ta' l-istess lukanda. Din kellha l-art tat-terrazzo, madum ta' Malta, u s-socjeta' attrici kienet inkarigata biex tghatti dan il-madum bl-*epoxy paint*.

Skond Alex Vella, direttur tas-socjeta' attrici, x-xoghol tlesta fid-19 ta' Mejju, 1999 (fol. 14). Pero' x-xoghol fir-restaurant ma sarx sewwa u wara ftit granet bdew hergin difetti illi allarmaw kemm lill-proprjetarji tal-lukanda, kif ukoll lis-socjeta' attrici. Kien ghalhekk, illi giet sub-

kuntratatta s-socjeta' konvenuta sabiex taghmel xoghol rimedjali.

Jidher illi kien hemm hafna pressjoni u urgenza sabiex ix-xoghol isir malajr, peress illi r-restaurnat kellu jinfetah fi zmien ftit granet u x-xoghol kellu jkun kollu lest. Mall-ewwel gie suggerit illi x-xoghol li sar mis-socjeta' attrici kellu jitnehha kompletament u gew suggeriti zewg sistemi partikolari u cioe' illi l-*epoxy* jigi *hydro-blasted* bi kwantita kbira ta' ilma, jew inkella mibrux, liema xoghol kien ser jiehu xi jumen u jhalli hafna trab u ghabra. Ghalhekk, wara diskuzzjonijiet, gie deciz illi dawn iz-zewg sistemi ma jigux adoperati u jigi applikat saff iehor ta' zebgha mahdum mis-socjeta' konvenuta fuq dak li sar mis-socjeta' attrici.

Ix-xoghol tlesta u s-socjeta' konvenuta thallset mis-socjeta' attrici fil-25 ta' Gunju, 2000 izda xi gimgha wara regghu bdew johorgu d-difetti, fis-sens illi z-zebgha bdiet titqaxxar u tinqala' minn postha. Bhala mizura temporanja, d-difetti gew mghottija bil-*vnyl covering*. Pero' s-socjeta' konvenuta kellha bzonn xi *spare parts* ghall-makkinarju taghha illi damu ma waslu u ghalhekk ix-xoghol rimedjali jidher illi ma giex komplut sa' Novembru, 1999.

Peress illi x-xoghol baqa' jkaxkar, il-kommittent u cioe' il-Proprety Maintenance ma hallsux lis-socjeta' attrici u zammew bilanc ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) favur taghhom. Meta tlesta x-xoghol is-socjeta' attrici bdiet tithallas, imma dan kien wara Novembru, 1999.

Ghalhekk, f'din il-kawza huma jippretendu bhala danni nteressi ta' tmienja filmija (8%) fuq tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000) ghal sitt xhur, li jgibu erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480).

L-istess direttur tas-socjeta' attrici, Alex Vella, jirrikonoxxi li z-zebgha taghhom inqalghet il-ghaliex ma kienx hemm adezjoni mall-madum ta' taht u ghalhekk kienu kkuntrattaw lis-socjeta' konvenuta sabiex isibu soluzzjoni ghall-problema li nqalghet. Kien hemm biss ftehim

verbali, pero’ s-socjeta’ konvenuta assikuratu illi hija kellha kemm il-makkinarju kif ukoll is-sengha biex twettaq ix-xogholijiet rimedjali illi kien hemm bzonn.

Ikkunsidrat:

Illi l-aktar kontroversja serja illi qamet bejn il-partijiet tirrigwarda d-diskussjonijiet illi saru meta s-socjeta konvenuta giet imqabbda sabiex issewwi d-difetti illi saru mis-socjeta’ attrici.

Nicholas Atkinson, *technical director* tas-socjeta’ konvenuta, a fol. 74, jinsisti illi huwa kellu assikurazzjoni minn Alex Vella li z-zebgha ta’ l-*epoxy* kienet twwahhlet sewwa mall-madum. Fil-fatt dan ix-xhud insista hafna fuq din l-assikurazzjoni, pero’ wara rrealizza li l-kawza tal-falliment tax-xoghol tas-socjeta’ attrici kien, “lack of abrasion of tiles or non applying of primer.” Fil-fatt, irrizulta li f’certa postijiet bhal fir-rampa, fejn iz-zebgha ta’ l-*epoxy* saret kfi suppost, dina ma setghetx tinqala’.

Alex Vella, a fol. 19 jghid illi assolutament ma kienx minnu illi ta xi assikurazzjoni. Lanqas tkellmu fuq iz-zebgha illi ghamlu huma.

Simon Diacono, a fol. 66 jghid illi fl-1999 hu kien direttur tas-socjeta’ konvenuta u jiftakar illi kien sar suggeriment biex isir *water blasting* jew inkella *grit blasting* sabiex jitnehha kompletament ix-xoghol illi ghamlet is-socjeta’ attrici. Ikompli jghid, :”We then discussed the situation and came to the conlusion that we could apply a new surface which was named Metaflex on the existing surface. … No body brought to our attention the fact that the *epoxy paint* may not have been laid satisfactorily in certain areas.”

Ikompli jghid, “Being a very expensive product, we would not have suggested to lay on the Metaflex on the existing *epoxy paint*, had we known that the latter had not bonded to the tiles.”

Quindi, filwaqt li Nicholas Atkinson jghid illi kellu assikurazzjoni minn Alex Vella illi z-zebgha illi ghamlet is-socjeta' attrici kienet wahlet sewwa mall-madum, Simon Diacono minn naha l-ohra jghid illi hadd ma gibed l-attenzjoni taghhom illi setgha kien hemm il-possibilita' illi z-zebgha tas-socejta' attrici ma wehlitx mall-madum ta' taht. Sa certu punt, dan huwa konformi ma' dak illi xehed Alex Vella fejn jghid illi lanqas tkellmu fuq iz-zebgha li ghamlu huma.

Hemm ukoll ix-xhieda ta' Simon Morgan, a fol. 44 *chief engineer* tal-Crowne Plaza, fejn jghid illi s-sistema applikata mis-socjta' konvenuta bdiet tfalli f'postijiet fejn kien hemm hafna piz. Dan gara fi zmien gimghatejn jew tlieta wara illi tqeghdet is-sistema mis-socjeta' konvenuta, minhabba f'hekk il-pagamenti gew mizmuma ghax is-sistema ma gietx accettata mill-kommittent.

Wara t-tielet darba, f'Novembru, x-xoghol gie accettat u mbaghad bdew isiru l-hlasijiet. Jikkonferma illi l-bazi maghmula mis-socjeta' attrici giet uzata minn Nicholas Atkinson sabiex iqieghed it-tieni saff taghhom.

Ghal dik illi hi l-kawza tal-falliment tax-xoghol maghmul mis-socejta' attrici, jidher illi huwa accettat mill-partijiet illi r-raguni teknika hija dik moghtija minn Nicholas Atkinson, u cioe, "lack of abrasion of tiles or non applying of primer.'

Is-suggeriment maghmul minn Alex Vella illi l-*epoxy* tqieghedet f'gurnata meta kien hemm hafna umdita' ma jidhirx illi sabet il-kunsens illi ottjena s-suggeriment ta' Nicholas Atkinson.

Ikkunsidrat:

Apparti l-kontroversja illi nqalghet f'din il-kawza, dwar jekk verament is-socjeta' konvenuta gietx moghtija garanzija li l-*bonding* illi ghamlet is-socejta' attici kienx wiehed tajjeb jew le, l-Qorti tistaqsi li ghal xi raguni l-*epoxy paint* mqeghda mis-socjeta' attrici falla u jekk falla ghar-raguni moghtija minn Nicholas Atkinson, allura dan bhala bniedem tekniku seta' ssopona dak ili kien gara u mhux

joqghod fuq garanziji o meno minn persuni illi mhumiex teknici.

Jekk tigi skartata r-raguni ta' gurnata b'umdita' gholja, allura l-unika haga li jkun fadal hija proprja r-raguni ssugerita minn Nicholas Atkinson u allura bhala bniedem tekniku dana kien f'posizzjoni illi almenu jassumi dak illi kien gara. Zgur illi ma kellux ghalfejn jistenna sakemm id-difett javvera ruhu t-tieni darba, biex jirrealizza dak illi fil-fatt gara.

Veru illi Atkinson insista hafna fix-xhieda tieghu illi huwa gie moghti l-garanzija li l-*bonding* sar sew. Izda jekk il-*bonding* ma' l-*epoxy* ta' taht sar sew skond l-arti u sengha, allura ghalfejn falla, jekk mhux ghal raguni moghti minnu stess, u kif allura ma gabx din ir-raguni mall-ewwel quddiem is-socjeta' attrici u pprovda ghaliha?

Fil-kawza Anthony Galea vs Raymond Gatt deciza mill-Prim'Awla fil-25 ta' Marzu, 1994 inghad illi persuna li taccetta appalt ghandha tiggarantixxi li x-xoghol isir sew. Din il-garanzija tinkludi l-obbligu li jigi rifjutat l-appalt jekk il-kuntrattur jaf jew messu jkun jaf li x-xoghol li jkun ser isir ikun ghalxejn jew mhux effettiv.

Aktar ricenti hemm il-kawza Muscat vs Falzon deciza mill-Appell Inferjuri fit-12 ta' Mejju, 2003 fejn inghad illi kuntrattur qabel ma jindahal ghal bicca xoghol ghandu jkollu l-kapacita teknika mehtiega (Vol. XLII part I pagna 117). "Ghandu jiggarantixxi l-bonta tax-xoghol tieghu u jekk jaghmel ix-xoghol hazin, lanqas ma huwa eskluz mir-responsabbilta minhabba l-fatt illi jkun qaghad ghal dak illi jrid il-komittent, u jibqa' responsabbli l-istess jekk qabel ma beda x-xoghol ikun jista' jkun jaf li fil-materja li fuqha jkun ser jahdem kien hemm xi mankament u li quindi x-xoghol kien inutli." - De Carlo vs Cumbo Appell Kummercjali deciz fis-6 ta' Frar, 1956 (Vol. XL part I pagna 485)

Fuq din il-kwistjoni tkellmet ukoll il-kawza Vella vs Agius Appell Inferjuri deciz fis-7 ta' April, 1923 fejn qalet, "e' dovere dell'appaltatore di resistere ad ordini che egli

vedesse pregudizzievoli alla solidita' e contrari alle buone regole dell'arte."

Atkinson jghid illi huwa kien f'posizzjoni teknika sabiex jaccerta ruhu illi z-zebgha ta' l-*epoxy* kien wehel mall-madum, pero' dina kienet procedura illi kienet tiehu fit-tul u minhabba l-pressjoni maghmula sabiex ix-xoghol isir malajr, ma kienx hemm zmien bizejjed sabiex dan l-ezercizzju jsir.

Il-Qorti pero' jidhrilha illi dina mhijiex skuza.  Skond il-gurisprudenza kkotata Atkinson bhala bniedem tekniku ma kellux icedi ghall-pressjoni illi giet maghmula u kellu jassigura ruhu illi x-xoghol illi kien ser jaghmel kien ser ikun effettiv u mhux jerga' jinqala' wara ftit granet. Ghalhekk, il-Qorti hija sodisfatta illi ghal dak illi hija responsabbilta' ghan-nuqqas ta' adezjoni taz-zebgha maghmula t-tieni darba mis-socjeta' konvenuta hija din l-ahhar socjeta' illi ghandha tkun responsabbli.

Irrizulta wkoll, illi ghal dawk illi huma d-danni, illi minhabba n-nuqqas tas-socjeta' konvenuta l-kommittent, u cioe' il-Proprety Maintenance, ma hallsitx lis-socjeta' attrici ghax-xoghol illi wettqet u zammet lura pagament ta' tnax-il elf lira Maltin (Lm12,000).  Dan ma jidhirx illi huwa kkontestat peress illi jidhru dokumenti bizejjed illi almenu sat-18 ta' Novembru, 1999 ix-xogholijiet rimedjali illi kellhom isiru t-tielet darba kienu ghadhom ma sarux (fol. 23).  Fax mibghut mill-Property Maintenance fil-21 ta' Ottubru, 1999 qed jinghad illi qed jigu mizmuma l-interessi, "until such time as you complete work as promised" [fol. 25].

Ghalhekk, minn dan il-lat, il-Qorti jidhrilha li s-socjeta' attrici sofriet danni li jikkonsisti f'ammont ta' erba' mija u tmenin lira Maltin (Lm480).

Ghal-dawn il-motivi:

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici, tiddikjara illi x-xoghol sub-appaltat lis-socjeta' konvenuta fil-kcina tal-Big Blue Restaurant, Tigne, Sliema ma sarx skond is-sengha u l-arti u tillikwida d-danni

sofferti mis-socjeta’ attrici fl-ammont ta’ erba’ mija u tmenin lira maltin (Lm480) u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta illi thallas lis-socjeta’ attrici l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjez u l-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-

smiegh kontra s-socjeta’ konvenuta

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------